



Londra, 21 ta' Awwissu 2008
Dok. Ref. EMEA/402553/2008

**Mistoqsija u tweġiba dwar l-irtirar tal-applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq
għal
Diractin**

Denominazzjoni Komuni Internazzjonali (DKI): **ketoprofen**

Fit-23 ta' Lulju 2008, IDEA AG għarrfet uffiċjalment lill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) bl-intenzjoni li tirtira l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Diractin, għall-kura tas-sintomi ta' infjammazzjoni u ughigh assoċjati ma' osteoartrite.

X'inhu Diractin?

Diractin huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva ketoprofen. Kellu jkun disponibbli bħala ġell li fih 22.9 mg ta' ketoprofen għal kull gramma tal-gel.

Għal x'hiex kien mistenni li jintuża Diractin?

Diractin kien mistenni li jintuża sabiex jikkura s-sintomi tal-infjammazzjoni u l-uġigħ assoċjati mal-osteoartrite (kundizzjoni li tikkawża nefħa u ughigh fil-ġogi).

Kif huwa mistenni li jaħdem Diractin?

Is-sustanza attiva f'Diractin, ketoprofen, hija mediċina anti-infjammatorja mhux sterojde (NSAID). Huwa mistenni li jaħdem billi jimblokka enzim imsejjaħ cyclo-oxygenase, li jipproduċi prostaglandins, sustanzi li huma involuti fil-proċess ta' infjammazzjoni. Billi jnaqqas il-produzzjoni ta' prostaglandins, Diractin huwa mistenni li jnaqqas l-infjammazzjoni u l-uġigħ ikkawżati minn osteoartrite.

F'ġell Diractin, il-ketoprofen jinsab f'partikoli speċjali, żgħar u mxaħħmin (imsejħin 'Transfersomes') li huma mistennija li jġorr u l-ketoprofen mill-ġilda u jirrilaxxawh 'l ġewwa taħt il-ġilda, fejn isseħħ l-infjammazzjoni fl-osteoartrite.

X'dokumentazzjoni ppreżentat il-kumpanija għas-sostenn tal-applikazzjoni tagħha lis-CHMP?

L-effetti ta' Diractin ġew ittestjati għall-ewwel darba f'mudelli sperimentali qabel ma ġew studjati fuq il-bniedem. L-effikaċja ta' Diractin ġiet studjata fi studju wieħed prinċipali li jnvolvi 866 pazjent b'osteoartrite tal-irkoppa. L-istudju qabbel l-effikaċja ta' tliet dożi differenti ta' Diractin (25 mg, 50 mg u 100 mg darbtejn kuljum) ma' dak ta' plaċebo (kura finta). Il-miżura ewlenija tal-effikaċja kienet il-bidla fis-severita' tal-uġigħ wara 12-il ġimgħa ta' kura.

Sa fejn kienet waslet l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni qabel ma din ġiet irtirata?

L-applikazzjoni kienet f'jum 181 meta l-kumpanija rtiratha. Wara li s-CHMP ivvaluta t-tweġibiet mill-kumpanija għal lista ta' mistoqsijiet, kien għad hemm xi kwistjonijiet pendenti mhux riżolti. Is-CHMP normalment jieħu sa 210 ġranet sabiex jevalwa applikazzjoni ġdida. Fuq il-bażi tar-reviżjoni tad-dokumentazzjoni inizjali, is-CHMP iħejji lista ta' mistoqsijiet fil-jum 120, li mbagħad tintbagħat lill-kumpanija. Ladarba l-kumpanija tkun ippreżentat it-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet imressqa, is-CHMP jirrevedihom u jista', qabel ma jagħti opinjoni, jitlob għal xi mistoqsijiet oħra fil-jum 180. Wara l-opinjoni tas-CHMP, normalment il-Kummissjoni Ewropea ddum madwar xahrejn sakemm toħroġ l-awtorizzazzjoni.

X'kienet ir-rakkomandazzjoni tas-CHMP dak iż-żmien?

Skont l-analiżi tad-dejta u t-tweġiba mogħtija mill-kumpanija għal-lista ta' mistoqsijiet tas-CHMP, fiż-żmien tal-irtirar, is-CHMP kellu xi tħassib u kien tal-opinjoni provviżorja li Diractin ma setax jiġi approvat għall-kura tas-sintomi ta' infjammazzjoni u uġiħ assoċjat ma' osteoartrite.

X'kienet ir-rakkomandazzjoni tas-CHMP dak iż-żmien?

Is-CHMP kien imħasseb li l-effikaċja ta' Diractin ma ntwerietx b'mod suffiċjenti fl-istudju prinċipali waħdieni: meta mqabbel mal-plaċebo, Diractin ma naqqasx il-livelli ta' uġiħ sal-punt li jkun rilevanti għall-pazjenti.

Għalhekk, fi żmien l-irtirar, l-opinjoni tas-CHMP kienet li l-benefiċċju ta' Diractin ma kienx jegħleb ir-riskji identifikati.

X'kienu r-raġunijiet mogħtija mill-kumpanija għall-irtirar tal-applikazzjoni?

L-ittra mill-kumpanija li tgħarraf lill-EMA dwar l-irtirar tal-applikazzjoni tinsab [hawn](#).

X'inhuma l-konsegwenzi tal-irtirar għal dawk il-pazjenti li jkunu involuti fi provi kliniċi jew programmi ta' użu b'kumpassjoni bl-użu ta' Diractin?

Il-kumpanija għarrfet lis-CHMP li ma kienx hemm konsegwenzi għall-pazjenti li jkunu għaddejjin minn provi kliniċi. Ma sar ebda programm ta' użu b'kumpassjoni b'Diractin. Jekk inti qed tieħu sehem fi studju kliniku jew fi programm ta' użu b'kumpassjoni u trid iżjed tagħrif dwar it-trattament tiegħek, ikkuntattja lit-tabib li jkun qed jagħtik dan it-trattament.